# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 7 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Roderick Castillo u**
**Adam Callus**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni – kif korretta b'digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2018 - migjuba kontra:

Roderick Castillo ta' 38 sena, mwieled San Giljan, nhar l-04 ta' Frar 1980, bin Richard u Rose nee' Buttigieg, residenti: YMCA, Triq it-Torri, Msida, detentur ta' Karta ta' l-Identita Numru 123180(M)

U

Adam Callus ta' 27 sena, mwieled Pieta', nhar is-26 ta' Jannar 1991, bin Joseph u Joanne nee' Polidano, residenti: YMCA, Triq it-Torri, Msida, detentur ta' Karta ta' l-Identita Numru 110391(M)

Akkuzati talli:

Nhar id-29 ta’ Lulju 2018 f’xi hin bejn l-04:00 ta’ wara nofs in-nhar u is-07:00 ta’ wara nofs in-nhar gewwa l-44, Dar Nikki Cassar, Triq it-Torri, Msida:

1. ikkommettew serq ta’ tablet ta’ ghamla Samsung ghad-detriment ta’ Gift Osemwengie u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u l-lok, liema ammont jeccedi is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

Lil Roderick Castillo wahdu talli fl-istess data, hin u lok:

2. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija nhar it-13 ta’ Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Akkuzati wkoll talli nhar l-24 ta’ Lulju 2018 f’xi hin bejn l-04:15 ta’ wara nofs in-nhar u 04:30 ta’ wara nofs in-nhar fuq il-bajja ta’ Tax-Xbiex:

3. Ikkommettew serq ta’ mobile phone ta’ ghamla Samsung A7 u/jew affarijiet ohra ghad-detriment ta’ Carmel Vella u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur liema ammont jeccedi is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma’ l-imputat Adam Callus, bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrattati bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputati jiddikjaraw li m’ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2018, l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom rispettivament.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom, u senjatament li l-massimu tal-piena ghall-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontrihom kienet ta' sitt snin prigunerija, u fil-kaz ta' Roderick Castillo, il-Qorti trid tittratta mieghu ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation u ghalhekk taghtih piena ukoll ghar-reati li taghhom instab hati bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-13 ta' Ottubru 2016.

Il-Qorti tat lill-imputati hin adekwat biex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom biex jaraw jekk iridux jirrevedu l-posizzjoni taghhom, u wara li l-imputati ikkonsultaw mal-avukat taghhom, huma regghu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Mill-ammissjoni tal-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputati fir-rigward tat-tlett imputazzjonijiet originali li ma tistax titqies bhala wahda bikrija, stante li inghatat fir-raba' seduta li nzammet f'dawn il-proceduri, wara li kienu xehdu diversi xhieda u nhlew ir-rizorsi tal-Pulizija. Izda it-tielet imputazzjoni, li giet mizjuda fir-raba' seduta ghandha titqies bhala wahda bikrija stante li l-ammissjoni saret fl-istess seduta li fiha giet mizjuda din it-tielet imputazzjoni.

L-imputati kienu qed jirrisjedu fid-Dar Nikki Cassar, Triq it-Torri, Msida (YMCA), u l-ewwel imputazzjoni li l-imputati ammettew li huma hatja taghha hija dik ta' serq ta' tablet ta' ghamla Samsung mill-istess dar ghad-detriment ta' residenti iehor fl-istess dar. Sid it-tablet qal li l-valur tieghu kien ta' €800. Dan it-tablet qatt ma nstab. Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara, b'lealta lejn il-Qorti u lejn l-imputati, li fl-opinjoni tieghu il-valur li s-sid ta lil dan it-tablet kien ftit eccessiv. Ghal kull buon fini, din il-Qorti se tattribwilu valur ta'

€600, ghalkemm is-serq xorta jibqa' aggravat bil-valur, u kif se jigi spjegat aktar il-quddiem, dak li l-aktar jippreokkupa lil din il-Qorti mhux il-valur tal-oggetti misruqa.

It-tielet imputazzjoni hija ta' serq ta' mobile tal-ghamla Samsung A7 li kien jiswa €380 u l-ammont ta' €20.00 flus kontanti minn fuq il-bajja ta' Tax-Xbiex. Fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2018, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li rnexxielu jirrintracca dan il-mobile phone, pero l-kundizzjoni tieghu mhix kif kienet meta nsteraq, ghax id-dahar tieghu huwa mkisser. Ovvjament ghalkemm sid il-mobile rega' hadu lura, l-valur tieghu naqas drastikament, stante li l-apparenza tieghu mhix wahda dicenti.

Il-fedina penali ta' Roderick Castillo fiha hames (5) kundanni ghal diversi serq aggravat, pussess semplici tad-droga eroina u ksur tal-ligijiet relatati mas-sewqan tal-vetturi.

Il-fedina penali Adam Callus fiha tlett (3) kundanni ghal ksur tal-ligijiet relatati mas-sewqan tal-vetturi u ghal diversi serq aggravat.

Ghalkemm huma nghataw diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati fil-forma ta' liberta kondizzjonata, u probation orders, jidher car li l-imputati ma gharfux juzufruwixxu ruhhom minn dawn l-opportunitajiet, u baqghu jippersistu fit-triq tal-kriminalita. Dan probabbilment hu dovut ukoll ghal fatt li fl-istqarrija taghhom, it-tnejn li huma ammettew li ghandhom il-vizzju tad-droga, li ovvjament mhux qed jindirizzaw.

Fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, fuq ammissjoni ta' serq aggravat miz-zewg imputati odjerni, din il-Qorti, diversament preseduta, qalet hekk *"Il-Qorti thoss li biex taghmel gustizzja mas-socjeta, mal-vittmi u mal-imputati stess jehtieg li tiehu mizuri biex il-problema li ghandhom l-imputati tkun indirizzata. Ghal dan il-ghan il-Qorti thoss illi ghandha taghti ghall-ahhar darba cans lill-imputati li jaqbdu t-triq it-tajba qabel ikun tard wisq. Jekk l-imputati ma jiehdux din l-opportunita zewg toroq ghandhom, wahda tehodhom il-Facilita Korrettiva ta' Kordin jew inkella ic-cimiterju fejn jghixu."* Ghal dan l-iskop il-Qorti poggiethom taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin u ghal Ordni ta' Trattament ukoll ghal perjodu ta' tlett (3) snin, liema perjodi ghadhom qed jiddekorru.

Pero it-twissija ta' din il-Qorti diversament preseduta, u l-opportunita li offritilhom waqghu fuq widnejn torox, ghax xahar wara li inghataw dik is-sentenza, l-imputat Adam Callus

ikkommetta zewg reati ta' serq ohra, u gie ikkundannat sena prigunerija. Pero huwa ovvju li lanqas din is-sena prigunerija ma serviet ta' lezzjoni ghal dan l-imputat, ghax issa rega' ammetta li ikkommetta dawn iz-zewg serqiet.

Inoltre, mill-provi irrizulta li fl-erba' (4) xhur li damu alloggati il-YMCA, minflok kienu rikonoxxenti lejn min kien qed joffrilhom saqaf fuq rashom u ikel, inghataw tlett (3) twissijiet, talli qattghu lejl barra minghajr ma talbu permess minghand id-dirigenti, talli ma ghamlux id-doveri taghhom tlett (3) darbiet jew izjed in fila, ta' non-kuranza fid-doveri taghhom u li qatt ma marru ghand l-Agenzija Appogg sabiex jiehdu l-ghajnuna minghand social worker.

Huwa ovvju li l-imputati ma jridx jitghallmu mill-izbalji taghhom, iridu jkomplu jghixu fit-triq tal-kriminalita li qabdu, li m'ghandhom l-ebda rispett lejn l-awtoritajiet tal-pajjiz, u m'ghandhomx skruplu jisfidaw l-ordnijiet taghhom, anke lejn min offrielhom l-id tal-hbiberija u offrielhom l-ghajnuna – attitudni li thasseb lil din il-Qorti mhux ftit.

Tajjeb li jigi rilevat li l-piena minima li din il-Qorti tista' taghti ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet biss, u cioe ghall-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok, u ghall-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur biss hija ta' tnax (12)-il xahar prigunerija (ara l-Artikoli 279(a), 280, 20 u 17 tal-Kodici Kriminali). Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-imputati ghandhom jinghataw piena karcerja effettiva mhux fil-minimu, sabiex jirrealizzaw li ma jistghux jibqghu jiksru l-ligi b'impunita' u ghandhom bzonn ibiddlu hajjithom.

L-imputat Callus ammetta wkoll, apparti li tirrizulta mill-provi, li huwa recidiv plurimu ta' serq u effettivament din hija t-tielet kundanna tieghu, u ghalhekk il-piena fil-kaz tieghu ghandha tizdied b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

L-imputat Castillo ammetta wkoll, apparti li tirrizulta mill-provi, li kiser l-Ordni ta' Probation moghtija lilu minn din il-Qorti, diversament preseduta, bis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, fuq imsemmija. Konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat Castillo ghar-reati li taghhom instab hati b'dik is-sentenza, kif jippreskrivi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tinflinggi piena ghar-reati li taghhom instab hati f'dik is-sentenza. F'dik is-sentenza, l-imputat instab hati ta' serq aggravat bil-valur ta' zewg mobile

phones li gew stmati *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti, diversament preseduta, wiehed €250 u l-iehor €125, ta' ricettazzjoni u li kien recidiv. Ir-reat ta' ricettazzjoni jista' jigi ikkunsidrat bhala alternattiv ghal dak tas-serq, pero tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti m'hix ser izzid il-piena bi grad minhabba r-recidiva. Il-Qorti se taghti piena ghal dan ir-reat lejn il-minimu, u ghalhekk se tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront ta' Roderick Castillo*

Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-Artikoli 261(c), 261(e), 267, 269(g), 279(a), 280 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat Roderick Castillo hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, cioe l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fic-citazzjoni u tikkundannah piena karcerjarja effettiva ta' tmintax (18)-il xahar ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-13 ta' Ottubru 2016 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation ordnat bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 334, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal piena ta' perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Ghalhekk l-hati Roderick Castillo gie ikkundannat ghal piena globali ta' sentejn (2) prigunerija - li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom.

*Fil-Konfront tal-Imputat Adam Callus*

Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-Artikoli 261(c), 261(e), 267, 269(g), 279(a), 280, 20, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat Adam Callus hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, cioe l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fic-citazzjoni u tikkundannah piena karcerjarja effettiva ta' tlett (3) snin - li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom.

*Fil-Konfront taz-zewg Hatja:*

Inoltre ai termini 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-hatja, ihallsu in solidum fi zmien sitt (6) xhur mil-lum:

1. l-ammont ta' sitt mitt Euro (€600.00) lil Gift Osemwengie;
2. l-ammont li qed jigi likwidat *arbitrio boni viri* ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00) rapprezentanti ir-riduzzjoni fil-valur tal-mobile misruq, u ghoxrin Euro (€20) lil Carmel Vella.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**